


**Evanġelizzazzjoni.**

Għall-Arċisqof l-evanġelizzazzjoni ma hijiex xi attivita' mħollija f'idejn xi grupp, imma l-ewwel u qabel xejn id-dmir ta' kull membru tal-komunitàparrokkjali. Kull parroċċan u kull parroċċana jridu jwasslu u jħabbru lil Kristu fit-territorju tal-parroċċa. Kull parroċċan u kull parroċċana jridu jkunu evanġelizzaturi. Il-kelma evanġelizzazzjoni ġejja mill-kelma Griega 'evanġelu' li tfisser 'Bxara tajba'. Għalina l-insara, din 'il-Bxara t-tajba', dan il-vanġelu, huma Kristu u l-persuna u l-ħidma ta' fidwa tiegħu. Huwa dan l-istess Kristu, din l-istess Bxara t-Tajba, li kull membru tal-parroċċa jrid ixerred fit-territorju tal-parroċċa u fejn ikun. Kellu raġun meta l-arċisqof qalilna li kull wieħed minna huwa evanġelizzatur u li l-ewwel ħidma tal-parroċċa hija l-evanġelizzazzjoni.

Formazzjoni.

Biex wieħed ikun tassew evanġelizzatur irid ikun iffurmat. U din kienet it-tieni rakkomandazzjoni kapitali tal-Arċisqof għalina. Biex l-evanġelizzazzjoni ġġib l-frott tagħha - sostna l-Arċisqof - trid tkun akkompanjata minn formazzjoni soda u mogħtija b'mod sistematiku. F'hiex tikkonsisti din il-formazzjoni? L-ewwel u qabel xejn din il-formazzjoni hija formazzjoni spiritwali mibnija fuq ħajja interjuri ta' kontemplazzjoni u talb, liturġika u sagramentali. Biex inkunu evanġelizzaturi rridu nifformaw ruħna fi Kristu permezz tal-kontemplazzjoni, tat-talb u tas-sehem attiv tagħna fil-liturġija. Din il-formazzjoni trid tkun imbagħad kateketika. Irridu nkunu nafu min hu Kristu, x'qal u x'għamel, x'inhi l-missjoni tal-Knisja, it-tagħlim tal-Missirijiet tal-Knisja, b'mod partikulari ta' Santu Wistin. Fl-aħħarnett din il-formazzjoni titlob studji oħra li jgħinuna nifhmu aħjar l-ambjent eċoloġiku, soċjali, eċċ.

Iż-żewġ rakkomandazzjonijiet li ħallielna l-Arċisqof huma programm kbir li jitlob ħafna enerġija, l-intervent ta' nies speċjalizzati, ħin u koordinament. Din hija l-isfida li l-parroċċa għandna quddiemha wara l-Viżta Pastorali. Jiena ċert li l-parroċċa tilqa' din l-isfida bl-akbar entużjażmu u impenn. Nifraħ u nirringrazzja lill-Kappillan, P. Saviour Grima, lil ħuti r-reliġjużi Agostinjani, lill-Kunsill Parrokkjali, lill-kummissjonijiet, għaqdiet u gruppi kif ukoll lil kull membru tal-parroċċa għas-suċċess kbir ta' din il-Viżta Pastorali u tal-frott bnin li ħalliet.

F'isem il-Provinċja Agostinjana Maltija u f'ismi nixtieq il-festa t-tajba lill-membri kollha tal-parroċċa.

**P. Luċjan Borg OSA**







**l-Knisja u l-Festa u ix-xogħol tal-Parroċċa**

Il-knisja tal-ġebel u l-festa huma l-qoxra ta' barra.

Il-knisja li għandna llum bdiet tinbena fis-7 ta' Jannar 1765. Qabilha, aħna l-Agostinjani, kellna knisja oħra: ħafna jaħsbu li kienet fi Triq żekka - dak iż-żmien Triq San Bastjan - għalkemm hemm min jaħseb li kienet fit-triq San Mark.

Din il-knisja kienet dedikata lill-Madonna tas-Sokkors u kienet xogħol ta' Ġlormu Cassar u bdiet tinbena fl-1571. Il-knisja l-ġdida kellha tinbena minħabba li fl-1761 kemm il-knisja kif ukoll il-kunvent tal-patrijiet kienu fi stat ħażin ħafna.

Il-knisja l-ġdida tbierket fl-1785 mill-Isqof Labini fil-preżenza tal-Gran Mastru ta' l-ordni De Rohan. Il-knisja hi mibnija fuq stil barokk f'għamla ta' Salib grieg.

Għalkemm it-titular tal-knisja u tal-Parroċċa hu Santu Wistin, il-knisja tagħna hi magħrufa ħafna għad-devozzjoni kbira lejn Santa Rita. Għadd kbir ta' nies, ta' kull eta', jiġu jinvistaw ix-xbieha ta' din il-qaddisa l-aktar f'dan iż-żmien billi l-festa tagħha ssir ta' kull sena fit-22 ta' Mejju.

Fil-belt Valletta aħna sinjuri b'parroċċi ħabrieka li qed jagħmlu ħafna xogħol siewi fil-belt tagħna.

Fil-parroċċa tagħna nista' ngħid li verament aħna sinjuri fir-riżorsi tagħna. ħafna nies joffru xi ħin liberu minn tagħhom għall-ħidma tagħna fil-parroċċa.

Kif forsi tafu wkoll, fis-sajf tas-sena l-oħra ġiet organizzata Skola Sajf li kienet suċċess. ġie organizzat programm imżewwaq b'ħafna attivitajiet u dan il-programm kien ir-raġuni tas-suċċess ta' din l-Iskola Sajf. żorna ħafna postijiet storiċi u anki żorna persuni distinti fosthom il-President ta' Malta u l-Ispeaker tal-Kamra.

Biex nagħlaq, nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom il-festa t-tajba.

**Joseph. A. Borda**.

